**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**-vs-**

**Ahmed Salah Mowlid detentur tal-karta tal-identità bin-numru 9005993A u Refcom number 32922;**

*Kumpilazzjoni Nru.902/2023*

Illum, 21 ta' Mejju, 2023,

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Ahmed Salah Mowlid** u ċioe talli:

f'dawn il-Gżejjer, nhar il-ħamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023)

1. Wettaq att ta' natura sesswali mingħajr kunsens, liema att fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkonsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli 198 sa 206 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fuq il-persuna ta' **Zambrano Diaz**;
   ***Artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

2. U aktar talli fl-istess data, lok, u ċirkostanzi, issoġġetta lil **Zambrano Diaz** għal xi att u, jew imġiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem u jew imġiba mhumiex

mixtieqa mill-vittma, u kienu jistgħu raġonevolment jiġu kunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti u, jew intimidatorji lejha;
*Artikolu 251A(1)(e) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

3. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, inġurja, hedded jew għamel offiża fuq il-persuna ta' wieħed inkarigat skond il-liġi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li għamel dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fl-eżekuzzjoni ta' dak is-servizz.
*Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

4. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skont il-liġi minn servizz pubbliku filwaqt li kien/u qed jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skont il-liġi mill-awtorità kompetenti;
*Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

5. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' **Ramon Mifsud** u ċioe' ferita ta' natura ħafifa kif iċċertifikat minn Dr. Melanie Mc Elhatton Reg. No: 4428;
*Artikoli 214, 215, 221 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. Talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, offenda il-pudur jew il-morali, b'egħmil li sar f'lok pubbliku jew f'lok espost għall-pubbliku;
*Artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

7. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, għad li xurban, qal fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indeċenti, jew għamel atti jew ġesti oxxeni, jew b'xi mod ieħor li mhux provdut fil-Kodiċi Kriminali, offenda l-morali, l-imġieba xierqa jew id-diċenza pubblika;
*Artikolu 338 (bb) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

8. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallix jew fixklu waqt li kien qed jagħmel dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd jindaħal fi dmiru, billi ma ħallix lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi kien ordnat jew seta jagħmel, jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor kien għamel skont il-liġi, jew b'xi mod ieħor li kien, kemm -il darba din id-diżubbidjenza jew dan l-indħil ma kinux jaqgħu taħt dispożizzjonijiet oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' liġi oħra;
*Artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

9. U aktar talli fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ħarab mill-ħabs jew mill-kustodja tal-persuna jew tal-persuni nkarigati mill-kustodja tiegħu;
   ***Artikolu 151 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;***

   Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

   Il-Qorti hija mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, waqt il-mori tal-kawża, u f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-liġijiet ta' Malta għas-sigurtà tal-vittmi msemmija kif ukoll għall-familjari tagħhom, ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa;

   Il-Qorti hija mitluba li toħroġ ordni ta' trattament ai termini tal-artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa;

Rat li waqt l-udjenza miżmuma nhar l-20 ta' Frar, 2024, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali w ċioe wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w hu ngħata żmien xieraq sabiex jekk ried jerġa lura minnha u dan anke billi ikkonsulta mal-legali tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop.

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu. Għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tiegħu, il-Qorti tiddikjara li m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Piena

Dwar il-piena il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tal-imputazzjonijiet li jinsab addebitat bihom l-imputat, tal-fedina penali netta minn tiegħu, taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ fejn tul l-inċident hu kien xurban – għalkemm qed jintqal ċar u tond li din mhix xi skużant - tal-fatt li l-imputat kien dispreġġattiv fil-konfront tal-forzi tal-ordni li jistħoqqilhom kull rikonoxximent għad-dedikazzjoni għal xogħolhom, u mhux għemil hekk degradanti, kif ukoll tal-ammissjoni tiegħu.

Ittieħed konsiderazzjoni tal-fatt li bejn l-imputazzjonijiet numri wieħed (1), tnejn (2) u sitta (6) japplika l-prinċipju ta' konkors formali tal-piena b'dik l-iktar gravi tkun dik kontemplata bl-ewwel imputazzjoni.

L-istess jingħad għall-bejn l-imputazzjonijiet tlieta (3), erba' (4), ħamsa (5) u tmienja (8) fejn il-piena l-aktar gravi hi dik kontemplata bl-imputazzjoni numru ħamsa (5) tenut kont tal-aggravju kontemplat bl-artikolu 222(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali.

Decide

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 95, 96, 151, 207, 209, 214, 215, 221, 222(1)(ċ), 251A(1)(e), 338(bb) u 338(ee) tal-Kodiċi Kriminali, issib l-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati lilu w tikkundannah għall-**tmienja u tlettin (38) xahar** priġunerija li minnhom li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-imputat għamel f'arrest preventiv.

Ai termini tal-artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' dawn l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza.

Finalment ma tistax għal darb'oħra tirrimarka dwar il-piena eċċessiva ta' **tlett (3) snin priġunerija bħala piena minima** għall-reati kontemplati bl-artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali; piena li teċċedi bosta pieni għal reati aktar serji inkluż dak ta' offiża ħafifa fuq il-persuna li mhux marbut ma piena minima, u dak ta' riċiklaġġ fejn il-minimu hu sena priġunerija. L-artikolu 207 tal-Kodiċi Kriminali ġie emendat bl-Att XIII tal-2018 biex beda jġorr piena ta' bejn tlieta (3) u seba' (7) snin priġunerija, liema piena terġa tiżdied bi grad kemm il-darba r-reat ikun sar fuq persuna msemmija fl-artikolu 202 tal-Kodiċi.

Joħloq aktar tħassib li Qorti ma għandhiex fakultà teroga piena li tassew tistħoqq, tenut kont taċ-ċirkostanzi partikolari ta' kull każ, fejn per konsegwenza bħal fil-każ in deżamina l-piena li fassal il-leġislatur hi ghal kollox sproporzjonata għall-għemil tal-attur, fejn momentarjament qabad sider tfajla. Tali atti tassew għandhom jiġu sanċiti iżda daqs kemm piena baxxa tista' twassal sabiex ma isirx Ġustizzja, daqstant ieħor pieni, *multo magis* meta r-reat iġorr piena minima stabbilita, għandhom ikunu tali li jirriflettu l-gravità o meno ta' kull każ u mhux jintefgħu lkoll f'keffa waħda.

Żelu indiskriminat jimmina l-Ġustizzja u jista' jwassal għall-iktar ħsara milli ġid. Biex ma jingħad xejn dwar ksur potenzjali tal-Artikolu 49.3 taċ-***Charter of Fundamental Rights of the European Union***:

**Article 49**

Principles of legality and proportionality of criminal offences and penalties

.... **3**. The severity of penalties must not be disproportionate to the criminal offence.

Għaldaqstant tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lil Onor. Ministru Għall-Ġustizzja u l-Avukat Ġenerali għall-konsiderazzjoni tagħhom.

Tordna li isem il-vittma ma jixxandarx fuq il-media jew mezzi soċjali.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Maġistrat**